MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2015

Appell Civili Numru. 396/2012/1

**Direttur tad-Dipartiment għal *Standards* fil-Ħarsian Soċjali**

***versus***

**Lara Maria Merlevede *née* Borg St John**

1. Dan il-provvediment huwa dwar talba magħmula mill-konvenuta b'rikors tas-7 ta' Mejju 2015 biex il-qorti tagħmel referenza kostituzzjonali lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili taħt l-art. 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] u l-art. 4(3) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea ["Kap. 319"] biex dik il-qorti (*i.e.* il-Prim' Awla) tgħid jekk id-deċiżjoni ta' din il-qorti (*i.e.* il-Qorti tal-Appell) tad-9 ta' Marzu 2015 ["id-deċiżjoni attakkata"], li biha ġiet miċħuda talba tal-konvenuta biex issir referenza lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea taħt l-art. 267 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, tiksirx il-jedd tal-konvenuta għal smigħ xieraq imħares taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-art. 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ["il-Konvenzjoni"]. Talbet ukoll illi din il-qorti tordna s-soprasessjoni tal-kawża preżenti.

2. L-attur wieġeb għal dan ir-rikors fil-15 ta' Mejju 2015 u oppona għat-talba.

3. Il-qorti tosserva illi d-deċiżjoni attakkata hija deċiżjoni motivata li ngħatat minn din il-Qorti – Qorti imparzjali u indipendenti mwaqqfa taħt il-liġi u l-Kostituzzjoni – wara li l-konvenuta ngħatat smigħ kif jixraq u kif iridu l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni. Il-fatt illi d-deċiżjoni marret kontra l-konvenuta ma jfissirx illi ma ngħatalhiex smigħ xieraq. Ma huwiex meħtieġ illi l-konvenuta tinstema' wkoll mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea biex tkun ingħatat smigħ xieraq.

4. Din il-qorti ma tistax ma tosservax illi dan ir-rikors tal-konvenuta – kif tixhed partikolarment it-talba għal "soprasessjoni" – huwa b'mod flagranti maħsub biex ikompli jtawwal il-proċeduri għall-esekuzzjoni ta' sentenza ta' pajjiż tal-Unjoni Ewropea, proċeduri li ġà twalu aktar milli jmiss. U meta tqis illi dawn il-proċeduri huma dwar aċċess għal ulied

minorenni, meta d-dewmien jista' jkollu effett drastiku u li ma jissewwiex fuq ir-relazzjoni bejn il-ġenituri u l-ulied, jidher wisq ovvju l-ħsieb tal-konvenuta li "tikkristallizza" sitwazzjoni fejn id-dritt ta' aċċess ordnat minn qorti kompetenti jiġi frustrat. Dan huwa abbuż tal-proċess ġudizzjarju, kif ikompli jixhed ukoll il-fatt illi r-rikors tas-7 ta' Mejju 2015 sar ftit jiem biss qabel ma kellha ssir it-trattazzjoni finali: ir-rikors sar il-Ħamis meta t-trattazzjoni kellha ssir it-Tnejn ta' wara, il-11 ta' Mejju 2015. Il-ħsieb – li l-Qorti ma ħallietx illi jseħħ – ovvjament kien biex tiġi sfrattata t-trattazzjoni. Din ma hijiex imġieba korretta.

5. Il-Qorti għalhekk tqis ir-rikors tas-7 ta' Mejju 2015 bħala wieħed sempliċement frivolu u vessatorju, magħmul b'abbuż tal-proċess ġudizzjarju u maħsub biss biex itawwal il-proċeduri.

6. Għalhekk tiċħad ir-rikors u tikkundanna lill-konvenuta tħallas l-ispejjeż ta' dan l-episodju.

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------